

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2016 – Allstate Insurance vs UASI (DRIVEWISE)**(Kawża T-3/16)**

(2016/C 078/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Allstate Insurance Company (Northfield, l-Istati Uniti) (rappreżentant: G. Würtenberger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali “DRIVEWISE” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 455 019

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Ottubru 2015, fil-Każ R 956/2015-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell, tat-8 ta' Ottubru 2015, fil-Każ R 956/2015-2 dwar l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 013 455 019 “DRIVEWISE”;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikoli 7(1)(b), 7(1)(c) u 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2016 – De Masi vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-11/16)**

(2016/C 078/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrent: Fabio De Masi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: Prof. A. Fischer-Lescano)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tad-9 ta' Diċembru 2015 dwar talba għal aċċess għad-dokumenti tal-grupp Code of Conduct;
- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta dwar l-aċċess restrittiv għad-dokumenti tal-grupp Code of Conduct tad-9 ta' Novembru 2015;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża u tal-eventwali intervenjenti skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jibbaża r-rikors tiegħu fuq erba' motivi, fejn tnejn minnhom huma ppreżentati kontra d-deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2015 u t-tnejn l-oħra huma ppreżentati kontra d-deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2015:

— Fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2015

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽¹⁾

Ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2015 tikser id-dritt għal deċiżjoni xierqa dwar it-talba konfermattiva tiegħu, dritt mogħti lilu mid-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 15(3) TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

Minbarra dan ir-rikorrent jafferma li meta rrifjutatlu kwalunkwe aċċess għad-dokumenti li l-konvenuta ħarġet fir-rigward tal-grupp "kodiċi ta' kondotta" (fiskali tal-impriża) stabbilit mill-Kunsill, il-Kummissjoni kisret ukoll id-dritt tiegħu li jikkonsulta d-dokumenti tagħha, dritt li huwa ggarantit lilu miż-żewġ dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq.

— Fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2015

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 10(2) TUE kkunsidrati fid-dawl tal-obbligi ta' informazzjoni

Ir-rikorrent jallega li d-dritt primarju jagħtih, fil-kwalità tiegħu bħala membru tal-Parlament Ewropew, dritt suġġettiv ta' aċċess sħiħ għad-dokumenti sa fejn dawn huma neċessarji għall-eżerċizzju tal-istħarriġ parlamentari.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-ftehim qafas interistituzzjonali fuq ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni

Fl-aħħar nett ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2015 minbarra dan tikser il-ftehim qafas interistituzzjonali msemmi iktar 'il fuq, li fl-applikazzjoni tiegħu l-iskop tal-Artikolu 230 TFUE, jiġifieri aċċess daqstant wiesgħa daqs kemm huwa possibbli għad-dokumenti, għandu jiġi osservat.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Diċembru 2015 – BT Limited Belgian Branch vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-335/13) ⁽¹⁾

(2016/C 078/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 245, 24.8.2013.